# Ħarsa lejn
# Ġużè Muscat-Azzopardi

*Anton Agius Muscat*

IL-KAVALIER Ġużè Muscat-Azzopardi, B.M., P.E.P., P.L., miet fl-4 ta' Awissu 1927 fil-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija. Kellu 74 sena.[1]

Għaddew sittin sena minn dak il-jum.

X'rabta setgħet kellha ħajtu ma' żmienu u x'tifsira jista' jkollha ma' żmienna?

Għalkemm Franġisk Saver Caruana[2] ma kienx igħodd daqs Ġ.M.A. fiż-żmien, imma kien jaf xi jsarraf. Ħadem qrib Ġ.M.A. Bil-kunsens ta' kittieba bħal Dun Karm Psaila, A. Cremona[3] u oħrajn, persuni lkoll kienu jafu sewwa lil Ġ.M.A., F.S. Caruana bħala s-Segretarju tal-*Għaqda* ħassel kelmtejn f'waqthom: "*Ġ.M.A. miet . . . imgħobbi bil-ġieħ kbir li hu għaraf jiġbed fuqu matul ħajtu għall-ġid li għamel lil ħutu l-Maltin, l-iżjed bit-twaqqif u bit-tixrid tal-*letteratura Maltija *u tal-qari fost il-Maltin . . .*"

"*Kien Ġ.M.A., u dan jafu kulħadd, li ta l-ewwel xejra ta' letteratura moderna 'l-Ilsien Malti bil-ġemgħa ta' romanzi u ta' poeżijiet li kiteb: romanzi li bihom ta f'idejn il-poplu sura ta' qari, ta' tagħlim tal-Ġrajja tagħna, u fl-istess ħin ta' qari għal idejn kulħadd, u bil-poeżijiet tiegħu għolla din il-letteratura li tilħaq ma' ta' pajjiżi oħra u għalhekk kien tassew jistħoqqlu l-isem ta' Poeta Malti . . .*"

"*Ġ.M.A. wera ruħu fl-erbat irjus ewlenija tal-kitba Maltija: xogħlijiet ta' poeżija, ta' proża, ta' traduzzjoni u ta' ġurnaliżmu.*"[4]

Dal-kliem u ieħor ta' apprezzament ma twelidx fl-ewforja tal-mument. Deher fl-1928, is-sena ta' wara mewt Ġ.M.A. Kien hemm żmien biżżejjed għal rifless-joni u ġudizzju f'waqtu.

Dun Karm Psaila,[5] li jekk jagħmel kuntrast mat-temperament battaljier u fuq ruħu ta' Ġ.M.A., madanakollu werriet mill-aqwa u mill-aktar denn bħala t-tieni President tal-*Għaqda* wara Ġ.M.A., għaraf iħożż l-aqwa eleġija-apprezzament fil-Malti sa issa b'ġieħ l-imgħallem tiegħu fil-Lsien Malti. Dun Karm, bir-raġun kollu, ma kienx ifaħħar malajr u bla ħsieb. Lil Ġ.M.A. isejjaħlu: ħabib u poeta. Fuq kollox jissiġġilla l-apprezzament tiegħu tul sbatax-il terzina bil-ġudizzju li Dun Karm ma tenna qatt f'ħajtu lil xi ħadd ħlief lil Ġ.M.A.:

*Fittext il-Ħaqq u fehmtek irbatt miegħu;*
*għatxien tas-Sewwa, 'l Dinek qatt ma regħ'xtu:*
*issa rqadt f'Alla, stenna jqajmek Driegħu.*
*Ħabib, ma nitħassrekx; Int għomrok għextu.*[6]

Meta miet Ġ.M.A. qorob joħroġ it-tielet għadd ta' *Il-Malti* għas-sena 1927. Hekk kif miet, ħabbru li ġara u fil-qosor tal-faċċata ta' quddiem, bil-wegħda ta' tifkira xierqa fix-xhur ta' wara, kitbu fil-qosor u bla tlaqliq l-apprezzament-ġudizzju: *"Jekk naqsmu l-letteratura Maltija f'żewġ sehmiet, il-qadima u l-ġdida, nistgħu, bla biża' ta' xejn, ingħidu li s-sur Ġużè Muscat-Azzopardi kien il-missier tal-letteratura l-ġdida tal-Lsien Malti: kittieb minn l-aħjar u minn l-ewlenin tal-proża Maltija, romanzi, traduzzjonijiet eċċ., poeta minn l-iżjed imsemmija, ġurnalist minn l-aqwa."*[7]

Mal-mewt tiegħu, sittin sena ilu, min kien jafu u fehmu, ma qagħadx italla' u jniżżel ħalli jagħraf is-sewwa magħruf.

Madanakollu, Malta ta' l-1927 m'hix Malta tal-lum. Inqala' min ġewwa l-Università qal li Ġ.M.A. huwa "bniedem ta' ebda mportanza" u li jrid "jirridimensjonah". Fi kliem ieħor, min għex fi żmien Ġ.M.A. u qal x'sewa, jew mar imqarraq, jew ra kbir u faħħar fejn ma kienx misthoqq!

Ġ.M.A. miet qabel twelidt jien. Iltqajt miegħu l-ewwel darba fix-xhur tas-sajf meta fi tfuliti kont nedha jkaxkarni miegħu fil-ġrajjiet ta' xeħta storiċi-patrijottiċi fir-rumanzetti tiegħu. L-isbaħ rumanz tiegħu, *Nazju Ellul*, bnieli u sawwarli sens ta' ġieh li tkun Malti wisq u wisq qabel ma bdejt nindiehes qrib il-kotra nisma' wħud mill-politiċi Maltin igħidu tagħhom huma u jsibu l-wens tal-'Pjazza', il-Ħamrun, qrib id-dar tagħna fi Triq Irjali San Ġużepp. Il-lum, wara għexieren ta' snin u xi ikla mill-kavetta tal-ħajja, nifhem wisq aħjar it-tifsira sħiħa tal-binja ta' *Nazju Ellul*, binja li sa issa ħadd għadu ma tkellem fuqha. Ma nistax ninsa s-sigħat sbieħ ta' tfuliti, għad-dell tal-kannizzata f'rokna tal-bitħa kollha qsari, mitluf fin-nisġa tar-rumanz kif jagħraf jibni Ġ.M.A.

Għaddew is-snin. Billi ntbaht li huma u jgerbbu s-snin, iż-żmien għandu ħabta jkeffen it-tifkiriet u l-ġrajjiet, tkellimt ma' marti għaxar snin ilu meta qorob l-anniversarju tal-50 sena mill-mewt tan-nannu tagħha, Ġ.M.A., ħalli naraw kif l-aħjar inneħħu l-għanqbut tan-nisi tas-snin. Nidejna konkors ta' xeħta serja sabiex min għandu tagħrif miġbur, riżultat ta' riċerka u studju, ikun jista' jagħtih sura ta' studju xieraq. Daħal xogħol wieħed biss u meta rajtu ma' l-ewwel intbaht ta' min kien: Ġużè Cassar Pullicino.

Ma nafx min ma jafx kemm is-sur Ġ. Cassar Pullicino fittex u qalleb fuq bosta kittieba tal-Malti matul is-snin li għaddew. Għalhekk sata' jħassel 'dawl ġdid' fuq Ġ.M.A., kif sejjaħlu huwa. Dan ix-xogħol għandu jidher stampat għal tmiem dis-sena. Tabilħaqq, kellu jidher ma' tmiem il-konkors imma, bejn ħaġa u oħra għariba li ħaditli ħsiebi, iż-żmien ġera. Madankollu, l-awtur sata' jżid xi tagħrif ieħor ma' dak li kien kiteb fl-oriġinal.

F'dawn is-snin ukoll Prof. Mons. K. Sant, wara studju u riflessjoni serja, kiteb: "*Ġ.M.A. kiseb it-titolu ta'* Missier il-Letteratura Maltija*; jekk nistgħux insejħulu* missier il-kitba reliġjuża Maltija *ma nafx; iżda żgur jisthoqqlu t-titolu ta'* Missier



© tar-Ritratt: Anton Agius Muscat

Ġużè Muscat Azzopardi

il-Moviment Bibliku Malti.''[8] Għal-lum ma nżidx fuq dal-kliem.

Wara li tidher stampata l-kitba tas-Sur Ġ. Cassar Pullicino, marti u jien għandna l-ħsieb niġbru dak li kitbu Mons. Prof. K. Sant, Ġ. Galea, Ġino Muscat Azzopardi, N. Biancardi u oħrajn fuq Ġ.M.A. Il-kitba tagħhom hija komplementari għal dik tas-Sur Cassar Pullicino.

Għad fadal aktar tiftix serju xi jsir ħalli l-lum nifhmu aħjar min kien u għala Ġ.M.A. jistħoqqlu dik l-eleġija-apprezzament kollha mill-pinna għażiża ta' Dun Karm.

Malta nbidlet f'dawn is-sittin sena fil-bixra, il-qalb u l-ħsieb.[9] Ġara x'ġara, min għandu għajnejh f'wiċċu u ma jridx jaħrab is-sewwa magħruf, ikollu jistqarr li t-tranja ta' l-ideal u tax-xogħol li daħal għalih Ġ.M.A. għadha magħna sal-lum. Jekk Malta tafx tkun tafulhom lil uliedha kollha b'riegla waħda, inwarrbu fil-ġenb. Il-fatt huwa li matul dawn is-sittin sena, fil-qasam letterarju-soċjali-reliġjuż-politiku-ġurnalistiku ta' Malta ma dehret ebda personalità li tħabbatha ma' Ġ.M.A. fis-sens ta' bniedem wieħed jagħti simultanjament kontribut attiv u kontinwu f'din


DIZIONARIO ENCICLOPEDICO

ILLUSTRATO

COMPILATO PER CURA

DELLA

SOCIETÀ PER L'EMANCIPAZIONE INTELLETTUALE

CONTENENTE ESATTE E ... NOZIONI

Storia, Geografia, Biografia, Cronologia, Poesia, Scienze fisiche, matematiche, chimiche, mediche, meccaniche, Arte, filosofia, Igiene, Estetica, Industria, Commercio, ecc., ecc.

COMPRENDENDO OGNI RAMO DELLO SCIBILE UMANO

DIZIONARIO DEI COMUNI D'ITALIA

VOLUME I.

CASA EDITRICE

DOTTOR FRANCESCO VALLARDI

ROMA MILANO NAPOLI

PALERMO FIRENZE PISA TORINO GENOVA

BOLOGNA PADOVA

BARI – PAVIA – CATANIA

Kopja tad-*Dizionario Enciclopedico Illustrato*, f'żewġ volumi, pubblikat mill-Editur Vallardi u li Fortunato Mizzi rregala lil Ġużè Muscat Azzopardi fl-1902 (għalkemm fl-awtografu s-sena tidher qisha 1912). Id-dedika awtografata tgħid: "Al mio (distinto difensore in segno di stima profonda) Il Sig.[r] Giuseppe Muscat Azzopardi, oggi il dì 19 marzo 1902 (San Giuseppe): Fortunato Mizzi."

(Kollezzjoni Privata: A.A.M.)

il-firxa kollha tal-ħajja bħala ċittadin.

Li deher, u huwa żvilupp loġiku, huwa l-letterat 'speċjalizzat', bħalma huwa Dun Karm. Wirt f'waqtu u, fl-aħħar mill-aħħar, jagħmel ġieh lil dak il-wirt li ried jibni Ġużè Muscat-Azzopardi.

Settembru 1987

## Noti

1. *Il-Malti*, 1927, it-tielet ktieb.
2. F. S. Caruana jistħoqqlu għarfien il-lum wisq aktar milli ismu norbtuh mat-tifkira bħala l-ewwel Segretarju tal-*Għaqda*.
3. Lil A. Cremona, is-Sur Nin, niftakru jgħidli u jtenni kif Ġ.M.A. kien isejjaħlu: Int l-id il-lemenija tiegħi.
4. "B'Tifkira", *Il-Malti*, 1928.
5. Li kieku Ġ.M.A. għex biss ħalli, kif fil-fatt irnexxielu jagħmel, iħajjar lil Dun Karm fit-triq tal-poeżija bil-Malti, kien ikollna għax nafuhulu biżżejjed.
6. "B'Tifkira", *Il-Malti*, 1928.
7. *Il-Malti*, 1927, it-tielet ktieb.
8. *Il-Malti*, Marzu–Diċembru 1978.
9. Il-kummentarji-bijografiji ta' Herbert Ganado u Anton Buttigieg jixhdu biżżejjed. Ara *Rajt Malta Tinbidel* u *Mill-Album ta' Ħajti*. Fil-każ ta' l-Avukat Herbert Ganado, il-kontribut validu tiegħu lil-letteratura Maltija meta ħaddem il-ġeneru ta' l-'essay' għandu tifsira speċjali fl-isfond tal-ġrajja matul is-snin għal kif Ġ.M.A. kellu jitqabad bis-sħiħ għall-ideal ħalli l-Malti jsib postu fil-ħajja ta' kuljum ġewwa Malta.